# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025.**

**Numru : 5**

**Rikors numru 267/2010/1 GM**

**Peter Paul Sammut**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija,**

**PC 1230 Shawn Axiaq, u PS 702 Jonathan Ransley**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Peter Paul Sammut mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' April, 2021, li permezz tagħha sabet li l-konvenut kuntistabbli Shawn Axiaq biss kien jaħti għall-inċident li fih l-attur ġarrab diżabilità permanenti u konsegwentement danni u kkundannatu jħallas lill-istess attur is-somma

ta' €10,119.30, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż jinġarru mill-istess konvenut Axiaq.

**Daħla**

2. Permezz ta' rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Marzu, 2010 l-attur fisser li huwa kien membru fil-Korp tal-Pulizija bil-grad ta' kuntistabbli bin-numru 434 għall-aħħar tnejn u għoxrin sena (22) qabel fetaħ il-kawża.

3. Jissokta jgħid li matul il-lejl bejn it-30 ta' April, 2009 u l-1 ta' Mejju, 2009 huwa kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu fi ħdan l-iskawdra mobbli bir-ronda fl-inħawi ta' Birkirkara. Ifisser li fuq struzzjonijiet tal-konvenut Surġent PS 702 Jonathan Ransley, huwa u l-konvenut PC 1230 Shawn Axiaq marru lejn il-kumpless ta' White Rocks f'Pembroke, fil-limiti ta' Baħar iċ-Ċagħaq fejn kellhom jiltaqgħu mas-Surġent konvenut, kif ukoll ma' membri oħrajn fil-Korp tal-Pulizija.

4. L-attur ifisser kif is-surġent avża lill-attur u lill-kuntistabbli l-oħrajn li kienu se jwettqu taħriġ fi dħul fi djar. Dan l-eżerċizzju kien jinvolvi simulazzjoni ta' dħul furzat ġewwa bini, billi wħud mill-membri tal-Korp jassumu l-irwol ta' pulizija fid-dħul filwaqt li l-kuntistabbli l-oħrajn jieħdu l-irwol ta' persuni li jkunu fiżikament qegħdin jopponu l-intervent tal-forzi tal-ordni.

5. Jgħid li dan l-eżerċizzju seħħ fuq ordni tas-surġent konvenut u taħt is-superviżjoni tiegħu. Ifisser ukoll li matul dan it-taħriġ intużaw armi tan-nar u oġġetti oħrajn li huma tal-Korp tal-Pulizija. L-attur ifisser li matul dan l-eżerċizzju huwa safa midrub b'tir mill-arma tan-nar fl-użu u l-kontroll tal-konvenut PC 1230 Shawn Axiaq. Isostni li dan l-inċident seħħ biss minħabba traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, non-kuranza u negliġenza min-naħa tal-konvenuti jew min minnhom.

6. L-attur jgħid li huwa ta' xejn sejjaħ lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minnu u kien għalhekk li fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti u non-kuranza da parti tal-konvenuti jew min minnhom, l-attur soffra danni. iii*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi.*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni kif likwidati lill-attur,*
>
> *u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.»*

7. Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu fil-21 ta' April, 2010 li fiha qal hekk:

> *«1. Preliminarjament l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma*

*hemm l-ebda ness kawżali bejn l-inċident li fih ġie midrub ir-rikorrenti u l-esponenti;*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ebda responsabbiltà ma hi imputabbli fil-konfront tal-esponenti għall-inċident mertu ta' dina l-kawża u għalhekk it-talbiet attriċi huma bla bażi ġuridika u fattwali;*

*3. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa safa ferut waqt il-qadi ta' dmirijietu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, l-esponenti jissottometti illi, r-rikorrenti li jifforma parti mill-Mobile Squad, matul is-shift li fih seħħ l-inċident kien assenjat sabiex ikopri l-inħawi ta' Birkirkara flimkien mal-intimat Shawn Axiaq. L-esponenti jissottometti illi 'l hekk imsejjaħ taħriġ li sar mir-rikorrenti u l-intimati l-oħra f'dina l-kawża sar mingħajr ebda awtorizzazzjoni tal-esponenti u fil-ħin meta huma kienu assenjati sabiex jaqdu dmirhom f'lokalitajiet oħra liema lokalitajiet sfaw abbandunati mir-rikorrenti u l-intimati l-oħra meta huma marru jagħmlu dan l-imsejjaħ taħriġ, li fil-fatt kien logħba, mhux awtorizzat.*

*4. Illi rigward l-allegazzjoni li l-arma li ntużat f'dan l-incident tappartjeni lill-esponenti, jiġi sottomess illi fil-bidu tax-shift tal-Iskwadra tal-Mobile tiġi konsenjata l-arma, munizzjon u ħwejjeġ protettivi sabiex dawn l-uffiċjali jkunu jistgħu jaqdu dmirhom fir-rondi tagħhom. Illi l-esponenti offra lill-uffiċjali tiegħu a safe system of work u jekk xi uffiċjal naqas milli jħares ir-regoli bażici li kull ufficjal li jimmaniġja l-arma jingħata taħriġ fuqu, ma jirrispondix għal tali aġir u danni konsegwenzjali l-esponenti.*

*5. Illi huwa manifest illi kull danni sofferti mir-rikorrenti kienu l-konsegwenza ta' ksur pależi tad-dmirijiet ta' Pulizija da parti tar-rikorrenti stess u da parti tal-membri tal-korp l-oħra li kienu miegħu kif ukoll ir-riżultat ta' dħul illegali fi proprjetà u mhux ta' xi nuqqas da parti tal-esponent li waqt li kienet qiegħda tintlagħab il-lobgħa in kwistjoni bejn ir-rikorrent u sħabu, l-esponenti kien fil-fatt qed jiġi defrawdat mill-pagi li kien qed iħallashom għalxejn u mill-użu abbużiv tal-armi li huma kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*7. Bl-ispejjeż.»*

8. Il-konvenut PC 1230 Shawn Axiaq ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu fl-10 ta' Mejju, 2010 u eċċepixxa hekk:

*«1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għat-talbiet attriċi, l-esponenti waqt l-eżerċizzju li jinvolvi simulazzjoni tad-dħul furzat ġewwa bini matul il-lejl tat-30 ta' April 2009 u l-1 ta' Mejju 2009 fi ħdan l-iskwadra mobbli, huwa nstab f'din is-simulazzjoni meta effettivament kien hemm ħafna dlam u nuqqas kbir ta' dawl u mingħajr ma kien jaf, l-arma użata kellha munizzjon, imma fl-ebda ħin l-esponenti ma kien responsabbli jew wera xi traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti, non-kuranza u/jew negliġenza da parti tiegħu.*

*3. Illi l-attur rikorrenti ma sofra l-ebda diżabbiltà permanenti tant li huwa daħal għax-xogħol ftit ġranet wara, fil-qadi ta' dmirijietu bħala kuntistabbli u wkoll ma kien l-ebda danni sofferti minnu u dan kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża.*

*4. Illi l-esponenti m'għandux jiġi ikkundannat għall-ebda likwidazzjoni ta' danni ladarba huwa kien qed jaġixxi fil-qadi tiegħu bħala membru tal-Korp tal-Pulizija meta huwa bħar-rikorrenti l-employer tiegħu huwa l-Kummissarju tal-Pulizija.*

*5. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jiġu trattati oralment jekk ikun il-każ;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur rikorrenti li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

9. Il-konvenut PS 702 Jonathan Ransley ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu nhar il-11 ta’ Ġunju, 2010 u wieġeb hekk:

*«1. Illi t-talbiet tal-attriċi, inkwantu rivolti lejn l-eċċipjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante li ma kien hemm ebda negliġenza, imperizja jew nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti da parti tal-eċċipjenti li taw lok għall-inċident de quo;*

*2. Illi għandu jsegwi li ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati li għandu jħallas għalihom l-eċċipjenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. Permezz ta’ sentenza mogħtija fil-15 ta’ April, 2021, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet f’parti minnhom it-talbiet attriċi billi sabet biss lill-kuntistabbli Shawn Axiaq responsabbli għad-diżabilità permanenti mġarrba mill-attur u kkundannatu jħallas lill-attur is-somma ta’

€10,119.30, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż jinġarru kollha mill-istess konvenut.

11. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk, kienu dawn:

*«**Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet***

*Ikkunsidrat:*

*L-attur ipoġġi bħala unika bażi espressa tat-talba tiegħu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni l-kawżali ta' traskuraġni, negliġenza, imperizja, nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti u non-kuranza da parti tal-konvenuti jew min minnhom.*

*Id-difiża tal-Kummissarju tal-Pulizija kif esposta fit-tweġiba maħlufa hija illi m'hemmx ness kawżali bejnu u l-inċident, li seħħ f'eżerċizzju ta' taħriġ mhux awtorizzat minnu waqt li kienu assenjati fuq xogħol ieħor f'postijiet oħrajn. L-inċident seħħ waqt li l-pulizija involuti kienu trespassing; jitħallsu l-pagi ta' xejn, u jabbużaw mill-armi li fdalhom f'idejhom; li pprovdielhom a safe system of work u jekk xi uffiċjal naqas milli jħares ir-regoli bażiċi li kull uffiċjal li jimmaniġja l-arma jingħata taħriġ fuqu, ma jirrispondix għal tali aġir u danni konsegwenzjali.*

*Id-difiża tas-Surġent fit-tweġiba maħlufa tiegħu tikkonsisti f'ċaħda ġenerika tal-kawżali unika tal-attur.*

*Id-difiża tal-kuntistabbli Axiaq fit-tweġiba maħlufa tiegħu dwar ir-responsabbiltà wkoll tikkonsisti f'ċaħda tal-kawżali tal-attur iżda jispeċifika li l-ambjent fejn seħħ l-inċident kien mudlam u li mingħajr ma kien jaf, l-arma użata kellha munizzjon. Axiaq jiddefendi ruħu wkoll dwar id-danni billi jiċħad li l-attur sofra danni u, jekk sofra xi danni, mhux responsabbli għall-ħlas tagħhom hu billi dawn seħħu waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala pulizija.*

*L-allegazzjoni fit-tweġiba maħlufa tal-Kummissarju li l-attur kien qiegħed jikkommetti trespassing, jiddefrawdah mill-paga u jilgħab logħba lanqas tirriżulta fondata. Dan għaliex filwaqt li jirriżulta li t-taħriġ kien inizjattiva unilaterali tas-Surġent, ma jirriżultax li l-attur kien jaf b'dan. Ma kellu l-ebda raġuni l-għala jaħseb li l-ordni tas-surġent biex imur għat-taħriġ ma kinitx waħda awtorizzata. Bħala impjegat u iktar u iktar bħala uffiċjal tal-Korp kien obbligat jobdi l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu u għalhekk l-attur kien in bwona fede.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tiegħu, l-attur isostni li l-Kummissarju ma pprovdiex sistema sigura ta' xogħol billi l-post fejn sar it-taħriġ ma kienx wieħed ikkontrollat. Allegazzjoni li m'għamilx fir-Rikors Ġuramentat għalkemm tista' tkun impliċita fih. Il-Qorti ma ssib l-ebda siwi f'din is-sottomissjoni billi l-kawża prossima tal-inċident ma kinitx in-natura jew it-topografija tal-post tat-taħriġ. Lanqas jirriżultalha li d-dlam li fih kien jinstab il-post ikkontribwixxa għall-inċident, kif jeċepixxi l-konvenut Axiaq. Min-naħa l-oħra, biex ikun hemm sistema sikura tal-post tax-xogħol, fil-kuntest ta' korp iddixxiplinat formanti parti mill-forzi tal-ordni, u għal dak li jolqot it-tilwima li tat lok għal din il-kawża, jinħtieġ li jkun hemm taħriġ tal-membri tal-korp fl-użu tal-armi. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħha li l-piż tal-prova li min iħaddem ipprovda post sikur tax-xogħol tistrieħ fuq spallejh.*

*Ikkunsidrat:*

***Responsabiltà ta' Axiaq***

*M'hemm l-ebda dubbju li l-aġir tal-konvenut Axiaq kien wieħed ta' negliġenza grossolana u traskuraġni meta pponta arma tan-nar fid-direzzjoni tal-kollega tiegħu u saħansitra spara.*

*Arma tan-nar hi oġġett minnu nnifsu perikoluż. Bl-akbar faċilità tista' toqtol, tferi jew tiddanneġġa. Bħala regola, aktar ma tkun kbira l-potenzjalità tal-perikolu tal-oġġett użat, akbar għandha tkun id-diliġenza u l-prudenza ta' min juża' l-istess oġġett. L-utent ta' arma tan-nar għandu juża l-akbar grad ta' diliġenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumità ta' terzi tiġi serjament ippregudikata. Il-konvenut ipprova jiskolpa ruħu billi jgħid li kkarga l-arma f'ħin meta ħaseb li t-taħriġ kien spiċċa. Anke jekk din l-allegazzjoni titwemmen, mhi l-ebda skużanti u jrid iġorr ir-responsabbiltà tal-ġennata li għamel u li setgħet wasslet biex l-attur jitlef ħajtu intortament. Huwa mhux biss daħħal il-cartridge fl-arma, imma wkoll neħħielha l-mekkaniżmu li jimpediha milli tispara. Dan apparti li ppuntaha lejn sieħbu kontra l-ordnijiet u għalxejn b'xejn; ħaġa li lanqas ma jmissu jsir fejn wieħed ikun ċert li l-pistola ma jkollhiex balal fiha, jekk mhux meta jkollu l-intenzjoni li juża l-arma. Din hija kondotta prudenzjali għal kull min iġorr arma. In-negliġenza ta' Axiaq hija iktar serja għaliex kien imħarreġ iktar minn persuna normali dwar l-użu tajjeb tal-armi tan-nar. L-allegazzjoni tiegħu li ngħata x'jifhem li t-taħriġ kien intemm u kien għalhekk li kkarga l-arma mhix suffragata mill-provi; anzi hija kontradetta mix-xhieda li kienu qegħdin jieħdu sehem fit-taħriġ.*

*Id-difiża tiegħu li m'għandux iġorr responsabbiltà għax dak li għamel għamlu waqt ix-xogħol tiegħu mhux biss hija waħda fjakka u bla bażi, imma turi ċiniċiżmu u nuqqas kbir ta' sens ta' responsabbiltà li l-ebda membru tal-korp tal-pulizija m'għandu remotament ikollu.*

***Responsabbiltà ta' Ransley***

*Huwa minnu li t-taħriġ sar fuq inizjattiva personali ta' Ransley u li dan ifisser li assuma r-responsabbiltà tiegħu. Ransley ħa l-prekawzjonijiet kollha li raġonevolment kellu jieħu biex jassigura li ma jinqalgħux inċidenti bl-armi. Ordna li l-armi ta' kull uffiċjal li ħa sehem fl-eżerċizzju ta' taħriġ ma jkunux ikkargati. Ma waqafx hemm imma spezzjona personalment kull arma li kienet qiegħda tinġarr. Hekk għamel ukoll fil-każ ta' Axiaq. Barra minn hekk ordna li l-armi mhux ikkargati jinżammu lateralment ma' sider il-parteċipanti fit-taħriġ flimkien ma' torċa mixgħula, u li appena uffiċjal jilmaħ lill-"avversarju" tiegħu, jgħidlu "qbadtek". Ma kellux jipponta l-arma lejh, anke billi dan hu pprojbit mir-regolamenti, li jistipulaw li l-ebda arma, anke jekk mhux ikkargata, ma tista' tiġi ppuntata minn uffiċjal lejn xi persuna oħra. Il-Qorti lanqas hi sodisfatta bl-allegazzjoni tal-attur li ġibed l-attenzjoni ta' Ransley li l-konvenut Axiaq kien qed jipponta l-arma lejh u dan minħabba l-kunflitt fil-provi. Ransley ma jġorr l-ebda tort għall-aġir tal-konvenut Axiaq li kien jikkonsisti f'insubordinazzjoni mhux mistennija.*

***Responsabilità tal-Kummissarju tal-Pulizija***

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa impliċitu f'kull kuntratt tax-xogħol li min iħaddem jipprovdi sistema sigura ta' xogħol. Dan anke billi llum il-ġurnata hemm leġislazzjoni speċjali li timponi obbligi stretti fuq l-employer f'dan ir-rigward. Għalhekk dawn l-obbligi jiskattaw kemm ex lege kif ukoll ex contractu. Minn din l-ottika, l-employer għalhekk huwa responsabbli anke għall-aġir tas-subalterni tiegħu, anke jekk dawn ikunu persuni kompetenti. Responsabbiltà din li hi hija waħda diretta, u mhux vikarja, bħalma jkun il-każ fl-eventwalità ta' ħsara ex delicto.*

*Iżda jibqa' l-fatt li biex l-employer jista' jkun responsabbli għall-aġir ta' subaltern, jinħtieġ li l-aġir* **twettaq fil-kors tal-impjieg** *tiegħu. L-aġir tal-konvenut Axiaq ma jinkwadrax ruħu fil-mansjonijiet tal-impjieg tiegħu. Id-dottrina u l-ġurisprudenza kemm fl-Ingilterra kif ukoll fl-Italja hija wkoll f'dan is-sens, anke jekk il-liġijiet fir-rigward tar-responsabilitajiet tal-employer anke jekk simili ħafna, mhumiex għalkollox identiċi bħal dawk ta' Malta. Fl-Ingilterra:*

> *"The duty to take reasonable care to provide a competent staff is still extant, but it is of comparative little importance since the abolition of common employment… In one situation… however… this branch of the employer's liability retains its importance. If one employee is injured by the violent horseplay of another, or is actually assaulted by him, it is unlikely that the employer will be liable vicariously, for the horseplay or the attack* ***will not have been done in the course of the employment."*** [1]

*Mhux biżżejjed li l-att leżiv iseħħ waqt il-ħin u fil-post tax-xogħol; imma* ***jrid ikun konness miegħu****: irid ikun il-condicio sine qua non tax-xogħol*

[1] *W.V. H. Rogers, Winfield & Jolowicz onTort, 18th Ed., paġni 426-428. L-awtur jiċċita in calce għal dan il-bran is-sentenza* ***O'Reilly v. National Rail and Tramway Appliances Ltd*** *(1966) 1 All E.R. 499.*

*assenjat lill-impjegat. Hekk l-employer ma kienx responsabbli (skont il-liġi Taljana) meta:*

> *«Il dipendente di un istituto di vigilanza sia rimasto ferito dalla pistola maneggiata per scherzo da un collega, che… aveva contravvenuto al divieto, impartito dal datore di lavoro, di tenere la pistola carica nei locali dell'istituto.[2]»*

*Dan għaliex, minkejja li fl-Italja, kuntrarjament għal Malta, ir-responsabbiltà ex delicto tal-employer mhix ristretta, fil-kodiċi ċivili, għal meta jimpjiega persuna mhux ta' ħila, imma hija waħda ġenerali; din ir-responsabilità hija ristretta għal atti konnessi mal-inkariku mogħti lill-impjegat. Skont Art. 2049 tal-Kodiċi Ċivili Taljan:*

> *«I padroni e i committenti sono responsabili per i danni arrecati dal fatto illecito dei loro domestici e commessi **nell'esercizio delle incombenze a cui sono adibiti**.»*

*F'dan ir-rigward, din il-Qorti mhix qiegħda tistrieħ fuq l-awtorità tagħha stess, imma għandha l-appoġġ ta' sentenza f'każ b'fattispeċi simili (għalkemm mhux identiċi) ta' suldat, impjegat mal-Forzi Armati ta' Malta li b'ċajta spara u qatel lil sieħbu, ukoll suldat impjegat mal-istess Forzi Armati, fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti ddeċidiet li l-employer ma kienx responsabbli għall-inċident, anke peress illi l-Kap Kmandant kien ħareġ lis-suldat in kwistjoni kif suppost:*

> *«8. Għalkemm huwa minnu li l-prinċipal għandu joffri lill-ħaddiem a safe system of work fis-sens li l-post tax-xogħol ma jkunx ta' periklu u riskju għas-saħħa, il-konvenut Paul Cardona għamel xi ħaġa li qatt ma kellu jagħmel u **li ebda ammont ta' taħriġ ma kien ser ibiddel[3]**. Hu naqas milli jħares ir-regoli bażiċi li kull suldat jingħata taħriġ fuqu. Xi ħtija għandu l-Kmandant tal-Forzi Armati jekk suldat għoġbu jaqbad arma jpoġġiha ma' ras wieħed mill-kollegi tiegħu u jagħfas il-grillu, u din inzertat kellha l-balal fiha?[4]»*

*Hemm, iżda, eċċezzjoni għas-suespost: min iħaddem ma jistax jingħad li jkun wettaq l-obbligu tiegħu li jipprovdi sistema sikura fuq il-post tax-xogħol jekkjagħlaq għajnejh għall-propensita` ta' xi ħaddiem li jipperikola s-saħħa jew il-ħajja ta' ħaddiem ieħor:*

> *«It may be, however, that the employer should have known of his employee's playful or vicious tendencies and have taken steps to prevent them from resulting in injury to another. In that case he may be liable for breach of his personal duty.[5]»*

---

[2] Pret. Lecce 16 t'Ottubru 1981, *Giur. Merito,* 1982 p. 536, iċċitata minn **Massimo Franzoni**, *Trattato della Responsabilita` Civile, L'Illecito, seconda edizione* (2010), nota numru 233, paġna 826.

[3] *Enfasi miżjuda minn din il-Qorti*

[4] ***Carmela armla Cassar et. v. Il-Prim Ministru ta' Malta et**. - 3 ta' Lulju 2007, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ippreseduta mill-Onor. Maġistrat Anthony Ellul, sussegwentement elevat għall-bank tal-ġudikatura, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010*

[5] *Winfield & Jolowicz, op.cit., paġna 428*

*Fil-każ preżenti, l-ispettur li wettaq inkjesta interna rraporta li l-konvenut Axiaq kellu d-drawwa li jagħfas il-grillu għalxejn b'xejn. B'danakollu ma jispjegax kif ġibed din il-konklużjoni; jekk hux biss miċ-ċirkostanzi tal-inċident inkella minn informazzjoni oħra li kellu dwar il-kondotta preċedenti ta' Axiaq waqt is-servizz tiegħu mal-korp. Dak li jirriżulta lill-Qorti hu li l-Kummissarju ta t-taħriġ meħtieġ lill-uffiċjali tiegħu inkluż lill-konvenut Axiaq. L-ebda tort għalhekk ma tista' taddossa fuq il-Kummissarju.*

***Debilità***

*L-attur jilmenta minn uġigħ fil-ġwejnah tax-xellug meta jieħu nifs fil-fond jew meta jdur fuq naħa jew oħra meta jkun mindud. Ma jistax jorqod fuq ix-xellug għaliex jikkawżalu uġigħ. Għandu diffikultà jgħolli dirgħajh tax-xellug 'il fuq minħabba l-uġigħ. Xi kultant iħoss bħal xokk f'idejh ix-xellugija u anke uġigħ fin-naħa tax-xellug ta' għonqu li jimxi ma' dirghajh tax-xellug sal-id ix-xellugija u dan iħossu meta jsuq il-mutur.*

***Likwidazzjoni tad-danni***
***Damnum Emergens***

*Għal dak li jirrigwarda d-damnum emergens, l-attur ressaq numru ta' rċevuti li jikkonsistu f'irċevuti ta' tobba u sptarijiet bil-valur komplessiv ta' €389.50. Dawn l-irċevuti ma ġewx ikkontestati. Għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħtih kumpens fis-somma ta' €389.50.*

*Lucrum Cessans*

*- Rata ta' diżabilità*
*- Rapport ex parte*[6]

*L-attur ippreżenta rapport ex parte tal-kirurgu Alex Manché li attribwixxa diżabilità permanenti ta' 14%. Iżda l-kirurgu Manchè jispjega illi dan il-persentaġġ huwa attribwit biss għal-funzjoni tal-pulmun. Meta mistoqsi x'inhi d-diżabilità ġenerali tal-attur jgħid illi dan il-persentaġġ li attribwixxa only have to do with the restriction in his force capacity and how much he can build up air. Huma biss riżultat tal-funzjoni tal-pulmun, an assessment of how well the chest wall works and therefore how well the lungs expel air, and all mechanics of the chest wall lead to a percentage.*

*Jispjega illi l-attur għandu reduced breathing capacity 'I didn't say the disability overall was 14%. I said that there is friction in his breathing capacity.*

*Meta ġie ssuġġerit lilu li dan il-persentaġġ mhuwiex il-persentaġġ tad-diżabilità permanenti, jikkonferma dan.*[7]

---

[6] *Fol 194A*
[7] *Xhieda tal-kirurgu Alex Manché a fol. 572*

***- Rapport tal-espert tal-Qorti Mr Charles Grixti*[8]**

*Illi l-espert mediku mqabbad mill-Qorti jispjega illi l-uġigħ li jħoss l-attur fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru huwa kkaġunat mill-'plura' jiġifieri mill-lining tal-pulmun li kien affettwat fl-aċċident. Dan l-uġigħ x'aktarx li jippersisti. L-uġigħ li għandu fi spalltu x-xellugija kkaġunat minn tendinite kroniku u mhix relatat mall-aċċident inkwistjoni. Ghalhekk attribwixxa diżabilità permanenti ta' 5%. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma toqgħodx fuq din ir-rata ta' diżabilità, tenut kont tal-ispjegazzjoni tal-kirurgu ex parte illi huwa ma kkonstatax ir-rata ta' diżabilità permanenti tal-attur iżda biss ikkonstata biss il-funzjoni tal-pulmun. Barra minn hekk, l-attur kellu kull opportunità jitlob il-ħatra ta' periti perizjuri iżda m'għamilhiex. In-nomina ta' periti perizjuri hi l-mod normali u l-aktar effikaċi ta' impunjazzjoni tal-opinjoni tal-ewwel espert.*

*Multiplier*

*Meta ġara l-aċċident, l-attur kellu 41 sena. L-attur fl-affidavit tiegħu jgħid illi daħal fil-Korp tal-Pulizija fit-13 ta' Jannar 1988. Is-servizz fil-Korp huwa ta' ħamsa u għoxrin sena. L-aċċident seħħ fl-1 ta' Mejju 2009 u ċjoè wara wieħed u għoxrin sena servizz. Għaldaqstant kien baqalu erba' snin biex joħroġ bil-pensjoni tas-servizz fl-età ta' 45 sena. Dan però ma jfissirx illi l-attur ma setax jagħmel xogħol ieħor wara l-età tal-irtirar mis-servizz u jkollu introjtu minn dan l-impjieg kif fl-aħħar mill-aħħar hija prassi li tintagħmel minn ħafna uffiċjali li jirtiraw ta' età żgħira wara ħamsa u għoxrin sena servizz. L-età tal-irtirar għall-persuni li twieldu fl-istess sena tal-attur (1968) hija ta' 65 sena. Tenut kont taċ-changes and chances of life tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta multiplier ta' 19-il sena.*

*Paga*

*L-attur fis-sena 2009 kellu introjtu gross ta' €18,369.40 konsistenti f'paga u allowances.*[9] *Tenut kont illi l-attur kien baqalu biss erba' snin fis-servizz, din il-Qorti se tieħu inkonsiderazjoni l-paga minima ghal-kumplament tal-Multipler (15 il-sena). L-attur preżenta ftehim kollettiv illi jirregola l-pagi tal-uffiċjali fil-Korp tal-Pulizija li ġie fis-seħħ f'Jannar 2018 u allura wara li l-attur kien diġà ħareġ bil-pensjoni tas-servizz. Il-Qorti sejra tieħu bħala bażi l-paga minima nazzjonali li fit-2014 kienet ta' €8,615.36 fis-sena.*[10] *Din il-paga bejn wieħed u ieħor togħla bi €135.41 fis-sena. Li jfisser li l-paga tal-attur tiżdied b'€2,031.15 għal €10,646.51. Il-medja tiġi €9,630.94.*

*L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jistqarr li konsegwenza tal-akkadut huwa qatt ma seta' javvanza fil-karriera tiegħu fil-Korp tal-Pulizija peress li kien limitat fin-nifs.*

---

[8] *Rapport maħluf fid-19 ta' Ottubru 2010 a Fol 81*
[9] *Fol.189*
[10] *Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.71*

*PS Ivan Brincat inkarigat mit-taħriġ fiżiku tal-Korp xehed li wara l-inċident, l-attur ma setax jagħmel aktar pushups. Xehed ukoll li l-promozzjoni għal Surġent jew Surġent Maġġur mhux relatat mat-taħriġ fiżiku. Il-promozzjoni għal spettur tirrikjedi li jsir "physical assessment li jinkludi li jkun hemm distanza ta' mil li trid tagħmilha f'tant ħin flimkien ma' tant push ups u sit ups." Żied jgħid illi l-attur qatt ma laħaq fil-fatt il-kriterji ta' eżerċizzju fiżiku lanqas qabel l-inċident. Bħala ħin fuq il-ġirja baqa' kważi l-istess kemm qabel u kemm wara l-inċident.*[11]

*Għaldaqstant ma jidhirx illi dan l-aċċident affettwa l-avvanz tal-karriera tal-attur.*

*Abbażi tas-suespost, il-lucrum cessans għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:*

*€18,369.40 x 4 x 5% = €3,673.88*
*€9,630.94 x 15 x 5% = €7,223.21*

*Għaldaqstant:*

*Damnum emergens = €389.50;*
*Lucrum cessans = €10,897.09;*
*Tnaqqis tal-ammont mogħti lil attur bħala benefiċċju soċjali = €1,167.2925*

*Total tad-danni = **€10,119.30.***»

12. L-attur Peter Paul Sammut appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq minnu fl-4 ta' Mejju, 2021, b'żewġ aggravji, ċjoè: (i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex teħles mir-responsabbiltà tal-inċident lill-konvenuti PS 702 Jonathan Ransley u lill-Kummissarju tal-Pulizija; u (ii) li s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti hija wisq baxxa.

13. Il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq tweġiba fil-11 ta' Mejju, 2021 fejn ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

[11] *Fol. 96*

14. Il-konvenut PS 702 Jonathan Ransley ressaq tweġiba fl-20 ta' Mejju, 2024 fejn ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

15. Il-konvenut PC 1230 Shawn Axiaq ma ressaq ebda appell u lanqas risposta għall-appell.

16. Inżammu bosta seduti u f'dik tas-7 ta' Novembru, 2024, saru s-sottomissjonijiet orali u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attur isostni li safa b'diżabbiltà permanenti f'inċident li seħħ matul il-lejl bejn it-30 ta' April, 2009 u l-1 ta' Mejju, 2009 tort tal-konvenuti u b'konsegwenza tal-istess huwa ġarrab danni.

18. Illi kif diġà ngħad, il-kuntistabbli Shawn Axiaq ma ressaq ebda appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Dan ifisser għalhekk li għal dik li hija s-sejbien tar-responsabbiltà tiegħu għall-inċident illum huwa kapitlu magħluq.

19. Illi l-fatti li wasslu għall-inċident mertu tal-każ tagħna jista' jingħad li mhux kontestati. Din il-Qorti se tagħti ħarsa ħafifa lill-istess fatti qabel ma tibda tistħarreġ l-aggravji mressqa:

- L-attur kien kuntistabbli tal-pulizija.
- Fil-lejl ta' bejn it-30 ta' April, 2009 u l-1 ta' Mejju, 2009 huwa kien fuq ronda ta' billejl fl-inħawi ta' Birkirkara, l-Iklin, Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard flimkien mal-kuntistabbli Shawn Axiaq. F'xi ħin irċevew struzzjonijiet minn dak iż-żmien Surġent Ransley (li allura kien superjur tagħhom) biex għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu jmorru fil-kumpless White Rocks ġewwa Pembroke sabiex iwettqu taħriġ. Huma marru fuq il-post u barra s-Surġent sabu tliet kuntistabbli oħra.
- It-taħriġ kien jikkonsisti f'simulazzjoni ta' sitwazzjoni li fiha membru tal-Korp ikollu jidħol b'mod sfurzat f'binja biex jarresta kriminal li jkun qiegħed jirreżisti l-intervent tal-forzi tal-ordni, u l-irwoli tal-uffiċjali kellu jinbidel waqt it-taħriġ billi min kien l-uffiċjal jagħmilha daqslikieku kien il-kriminal u bil-maqlub.
- Irriżulta minn bosta xhieda nkluż dik tal-eks Kummissarju John Rizzo (li kien il-Kummissarju tal-Pulizija attwali), l-Ispettur Christopher Pullicino (is-superjur tas-Surġent u l-kuntistabbli l-oħra) u l-istess konvenut Ransley li dan it-taħriġ ma kienx awtorizzat mis-superjuri iżda kien l-istess surġent li sejjaħ l-eżerċizzju minn jeddu.

- Irriżulta li xħin waslu fuq il-post, is-Surġent Ransley ordnalhom ineħħu l-munizzjoni mill-arma li kellhom fuqhom u huwa vverifika personalment li sar dan u li dan il-munizzjoni kellu jinżamm fil-but.
- Quddiem l-espert Dr Stefano Filletti maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti xehed li talab lill-uffiċjali jikkokjaw l-arma darbtejn sabiex żgur ma jkunx hemm balla fic-*chamber* u talabhom jfaqqgħu l-arma sabiex ikun ċert li m'hemmx balla fic-*chamber*. L-ordni kienet li s-saba' kellu jkun dejjem 'il barra mit-*trigger guard* u qatt ma ta ordni li jintgħafas il-grillu. Qalilhom ukoll li kellhom iżommu l-arma ma' sidirhom bit-torċ magħha u kif wieħed jilmaħ lill-ieħor jgħid 'qbadtek'.
- Il-post kien mudlam.
- Ġara li waqt li nbiddlu r-rwoli u l-attur kien qiegħed jistaħba fid-dlam, il-kuntistabbli Shawn Axiaq daħal fil-kamra u spara b'mod aċċidentali u laqtu f'ġenbu.
- Minn dak li xehed l-istess kuntistabbli Axiaq, għalkemm is-surġent ma qalx li l-eżerċizzju kien intemm huwa qabad u kkarga l-arma, ikkokkja l-arma sabiex b'hekk il-balla telgħet fil-kanna u poġġa subgħajh fuq it-*trigger*. Dan qabel inbiddlu l-irwoli, u hekk kif tkompla l-eżerċizzju huwa nesa li kellu l-balal fl-arma.

- Jirriżulta wkoll li l-kuntistabbli Shawn Axiaq instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz ta' sentenza maqtugħa fl-20 ta' Novembru, 2013 li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew il-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-attur appellant. Għalkemm tressaq appell minn din is-sentenza, dan eventwalment ġie dikjarat deżert.

20. Illi fil-każ tagħna ma jistax jingħad li kien hemm xi imġiba ta' natura doluża. Għal dik li hija l-imġiba tal-kuntistabbli Axiaq huwa stabbilit li ma kienx prudenti jew diliġenti u mexa kontra r-regolamenti meta spara u laqat lill-appellant. L-appellat Axiaq ma ressaq ebda appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

21. Jeħtieġ għalhekk li ladarba l-appell tal-attur jippernja fuq il-konvenuti Ransley u l-Kummissarju tal-Pulizija, din il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha li huwa assodat illi biex Qorti ssib ħtija u responsabbiltà fl-aġir ta' persuna, u sussegwentement li dan jiġi kkundannat jindennizza lid-danneġġat fl-ambitu tal-kolpa *extrakontrattwali* (senjatament fil-kważidelitti fejn hemm mankanti d-*dolo*), dak l-aspett li għandu jiġi eżaminat huwa l-kondotta materjali jew aġir tal-allegat danneġġant. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva, kif ukoll ommissiva. Hu dan l-aġir li għandu jiġi eżaminat fid-dettall u

debitament ivvalutat, sabiex jiġi stabbilit, jekk kienx hemm xi nuqqas fid-dover ta' ħsieb, prudenza u diliġenza ta' *bonus pater familias*, jew eżistenza ta' negliġenza fid-doveri imposti mil-liġi, jew ta' traskuraġni, jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illeċitu riżarċibbli. Kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, f'materja ta' danni akwiljani, il-**Kodiċi Ċivili** jipprovdi li *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"* (**Artikolu 1031**) u l-ħtija tissussisti f'min *"ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* (**Artikolu 1032(1)**). Huwa magħruf ukoll li, biex ikun hemm lok għad-danni, hu dejjem meħtieġ li, apparti l-prova tad-dannu kkawżat, irid ikun hemm il-ħtija u li d-dannu u l-ħtija jkunu marbuta b'dak li jissejjaħ ness ta' kawżalità, bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża, li jfisser li kien l-aġir kolpuż tal-konvenut li wassal għad-dannu mġarrab mill-attur (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet ***Conrad Montebello v. Neil Cilia et***).

22. Din il-Qorti se tqis l-ewwelnett dik il-parti tal-ewwel aggravju fejn l-appellant jisħaq li s-surġent Ransley kellu wkoll jinstab responsabbli għal dak li seħħ. Jgħid li għalkemm huwa minnu li l-kuntistabbli Axiaq ma mexiex mal-istruzzjonijiet tas-surġent, kif ukoll kellu jżomm l-arma mingħajr *magazine* u vojta minn kull balla matul l-eżerċizzju, jibqa' l-fatt li t-taħriġ ma kienx wieħed uffiċjali. Mod ieħor, l-istess konvenut Ransley ammetta li dan it-taħriġ sar biss minn jeddu u fuq inizjattiva tiegħu. L-appellant jisħaq li ladarba l-konvenut Ransley minn jeddu ħa din l-

inizjattiva huwa għandu jġorr ir-responsabbiltà ta' dak li seħħ billi li kieku ma sar xejn l-inċident ma kienx iseħħ.

23. L-appellant jissokta jgħid li bil-maqlub ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, ir-rapport imħejji mill-Ispettur Raymond Cassar (ara Dok RC) bħala parti mill-investigazzjoni interna ġie konkluż li s-surġent *«was careless, unskillful in his profession and did not observe the regulations and his irresponsable actions may lead him to be liable in terms of Sections 225 and 226 of the Criminal Code.»* Iżid li anke l-espert Dr Stefano Filletti maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Maġisterjali kkonkluda li tista' tikkonfigura r-responsabbiltà tas-surġent billi ppermetta dan it-taħriġ anzi kien huwa li ta l-istruzzjonijiet għalih, liema taħriġ ma seħħx f'ambjent ikkontrollat.

24. L-appellant jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti għal xi raġuni warrbet għalkollox ix-xhieda dettaljata tiegħu dwar x'seħħ dakinhar tal-inċident u s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub. Jilmenta li l-Ewwel Qorti qieset li kienet biss allegazzjoni meta huwa xehed li Shawn Axiaq qabel kien ipponta arma lejh u li huwa kien ġibed l-attenzjoni tas-surġent dwar dan. Huwa għalhekk jirreferi mill-ġdid għax-xhieda tiegħu u għal dik ta' PC John Debattista meta jgħid li jiftakar li waqt it-taħriġ Axiaq kien iħobb ifaqqa' l-grillu biex jisma' dak il-ħoss li speċi sab lil min kellu jsib. Jisħaq li ma kien hemm l-ebda kunflitt ta' provi. L-appellant jirreferi għall-**Artikolu 1044 tal-Kodiċi Ċivili** u jisħaq li bħall-membri l-oħra kollha tal-iskwadra

li ħadu sehem fit-taħriġ ta' dakinhar, huwa ma setax ma jimxix mal-ordni li kienet ġejja mingħand is-superjur tiegħu.

25. Illi m'hemmx kwistjoni li t-taħriġ mertu tal-każ tal-lum sar mingħajr ma kien awtorizzat minn min kellu l-awtorità li jagħmel dan. Lanqas m'hemm kwistjoni li kien il-kuntistabbli Shawn Axiaq li għafas il-grillu u jirriżulta mix-xhieda tal-kuntistabbli li kienu preżenti għat-taħriġ li l-istess Ransley ħa ħsieb li l-armi ma jkunux bil-munizzjoni tant li għamel ċert li dan jinżamm fil-but ta' kull wieħed minnhom. Jirriżulta li l-istess Ransley ma qalx li l-eżerċizzju kien intemm u li kien l-istess Axiaq li minn jeddu reġa' daħħal il-munizzjon fl-arma u kkokkja l-arma u li fi kliemu stess nesa li fl-arma kien hemm il-balal u kontra kull ordni li ngħata mis-surġent u kontra kull tagħlim li rċieva fl-akkademja għafas il-grillu. Dan meta huwa ma kien fl-ebda periklu.

26. Ta' min jirreferi għax-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino (fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2014) fejn qal: *«Fih innifsu jidher illi min kien qed imexxih kien qed jieħu l-prekawzjonijiet kollha skont kif tgħallem huwa stess minn eżerċizzju uffiċjali li għamel,...»* Żied hekk: *«.., f'dan il-każ anke għal rigward ta' kif ġraw l-affarijiet; it-training all right kien hemm problema li ma ntalabx permess. Però min-naħa tal-isparatura mbagħad il-persuna (allura aħna qegħdin nitkellmu fuq Shawn Axiaq) li uża l-arma ma ħax dawk il-prekawzjonijiet kif suppost ħa meta ġie mgħallem l-akkademja waqt li qed jiħħendilja l-arma.»*

27. Jirriżulta mill-provi li l-istess kuntistabbli Shawn Axiaq kien għadda mill-eżerċizzju dwar l-arma u kellu t-taħriġ neċessarju. Ifisser dan li l-uniku nuqqas li kien hemm mill-konvenut Ransley kien li ddeċieda li jkun hemm dan it-taħriġ, mhux f'ambjent ikkontrollat, mingħajr ma ħa l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Dan in-nuqqas huwa biżżejjed biex jirradika r-responsabbiltà tal-inċident?

28. Intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet ***Paul Pullicino v. Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet*** li:

> *«Min jikkontribwixxi għall-periklu għalkemm ma jintweriex li kien hu li għamel il-ħsara ma għandux jinħeles mir-responsabbiltà, kif jgħallem Ulpjanu: 'Sed si plures servum percusserint, utrum omnes quasi occiderint teneantur, videamus. et si quidem apparet cuius ictu perierit, ille quasi occiderit tenetur: quod si non apparet, omnes quasi occiderint teneri iulianus ait, et si cum uno agatur, ceteri non liberantur: nam ex lege aquilia quod alius præstitit, alium non relevat, cum sit poena.' (Dig. 9.2.11.2 Ulpianus 18 ad ed.). Il-grad meħtieġ ta' prova f'kawża bħal dik tal-lum huwa dak tal-probabbiltà, u meta jikkonkretizza ruħu l-perikolu (billi l-attur jimrad) hemm il-probabbiltà (għalkemm fil-każ tal-lum hija ċ-ċertezza) illi l-ħolqien tal-perikolu (l-espożizzjoni għall-asbestos) kien il-kawża tar-riżultat (il-marda). Minn hemm toħroġ ir-responsabbiltà.»*

29. Fuq kollox, huwa prinċipju magħruf f'materja ta' danni illi biex ikun hemm lok għar-responsabbiltà tad-danni hemm bżonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża imma li dak l-att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni mġarrba (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-23 ta' Ġunju, 2004 fl-ismijiet ***Giovanni Vella et v. Michael Cilia***).

30. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-konvenut Ransley għandu jinstab responsabbli għas-sempliċi fatt li mexxa t-taħriġ mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Fuq kollox, dak li rriżulta mir-rapport tal-investigazzjoni interna u r-rapport tal-espert għalkemm għandu valur probatorju, biss però hemm konsiderazzjonijiet oħra xi jsiru. Barra minn hekk, la l-Maġistrat Inkwirenti ma rrakkomanda li jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu u lanqas eventwalment l-Avukat Ġenerali ma jidher li ta dak il-parir lill-Kummissarju tal-Pulizija. Lil hemm minn dan, però billi issa ninsabu fil-kamp ċivili, rilevanti t-tagħlim tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru, 2024 fl-ismijiet ***Joseph Bugeja et v. Clint Camilleri*** meta tenniet li dak li jrid jiġi investigat huwa x'kienet il-kawża prossima tal-inċident u mhux li f'dak il-każ partikolari li l-attur f'dawk il-proċeduri ppermetta jew ħeġġeġ lill-konvenut isuq *sportscar* minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkoprih. L-istess Qorti rreferiet għas-sentenza tagħha stess tal-15 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet ***Carmelo Micallef St John et v. Richard Spiteri*** fejn kien intqal hekk:

> *«Din il-Qorti tibda biex tippremetti illi kellu jkun ċar illi mhux kull infrazzjoni tar-Regolamenti tat-Traffiku jew aġir skorrett jew delitwuż minn xi parti involuta f'inċident stradali kienet neċessarjament rilevanti għad-determinazzjoni tar-responsabbilità għalih. Il-Qorti kellha fl-indagini tagħha tfittex biex tiddetermina x'kienet il-kawża prossima u immedjata tal-inċident u jekk il-persuni involuti bil-komportament tagħhom kienux direttament ipprovokaw l-inċident jew ikkontribwew għalih. Hekk allura l-fatt illi Richard Spiteri ma kellux liċenzja tas-sewqan u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni waqt illi kien qed isuq, fih innifsu, ma kienx jikkostitwixxi prova rilevanti għal fini ta' responsabbiltà jekk ma jiġix pruvat illi l-istess Richard Spiteri saq b'mod negliġenti u imprudenti u li kien minħabba f'hekk illi seħħ is-sinistru. Il-fatt illi kien għadu minorenni u ma kellux liċenzja hi rrilevanti għall-fini ta' l-akkużi kriminali miġjuba kontrih f'dak il-foro però in civilibus kien biss*

*marġinalment rilevanti bħala prova jekk il-fattur ta' l-età kien xhieda ta' l-imperizja tiegħu fis-sewqan. L-istess mill-banda l-oħra l-fatt illi Matthew Micallef St. John, waqt li kien qed jiġri fil-Coast Road, seta' ma osservax dak li hu suġġerit mill-Highway Code li kellu jagħmel waqt li kien qed jittrejnja biex jipproteġi ruħu kontra l-possibbiltà ta' inċident, ma kienx għall-fini ta' responsabbilità rilevanti sakemm ma jigix pruvat illi bil-komportament tiegħu huwa kien pożittivament ikkontribwixxa jew ipprovoka s-sinistru.»*

31. Illi meta dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jitħaddem għall-każ tagħna u minn ħarsa tal-provi, din il-Qorti tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda tajba. Il-kawża prossima ta' dak li seħħ ma kinitx in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni iżda n-negliġenza grossolana u n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti min-naħa tal-kuntistabbli Axiaq.

32. Naturalment din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li b'din id-deċiżjoni hija b'xi mod qiegħda taqbel mal-azzjoni li ħa minn jeddu l-konvenut Jonathan Ransley. Dan filwaqt li tifhem li l-intenzjoni tiegħu kienet waħda tajba għaliex ried jgħaddi t-tagħlim li huwa kien irċieva lill-uffiċjali oħra biex jagħmlu xogħolhom aħjar u sabiex iħarsu ħajjithom.

33. Ngħaddu issa għall-parti tal-ewwel aggravju fejn l-appellant jisħaq li anke l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jinstab responsabbli għall-inċident. Jgħid li l-Ewwel Qorti b'mod żbaljat sejset l-argument tagħha mhux fuq ġurisprudenza lokali iżda fuq dik ta' barra minn xtutna. Jirreferi għalhekk għall-**Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili** u jgħid li l-Kummissarju bħala min iħaddem ma jistax ma jkunx responsabbli għal min jimpjega għaliex il-liġi tagħna hija ċara dwar dan u dwar ir-responsabbiltajiet li joħorġu mill-fatt

li jimpjega. Jissokta jgħid illi li Shawn Axiaq kien responsabbli direttament għall-akkadut ġie stabbilit kemm mill-Ewwel Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Biss però jisħaq li anke l-konvenut Ransley kien responsabbli direttament u indirettament għall-akkadut għaliex it-taħriġ sar fuq inizjattiva tiegħu. Għalhekk jargumenta li ladarba dawn iż-żewġ uffiċjali kienu t-tnejn impjegati mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa għandu jinżamm responsabbli għall-imġiba tagħhom.

34. L-appellant jgħid ukoll li l-Kummissarju ma pprovdiex sistema sigura ta' xogħol billi l-post fejn sar it-taħriġ ma kienx wieħed ikkontrollat, u dan irrispettivament jekk min iħaddem kienx preżenti jew le billi huwa kien rappreżentat mill-uffiċjal tiegħu s-surġent, fil-ħin tax-xogħol u lkoll kienu libsin l-uniformi u ħadu sehem fuq ordni mogħtija minn superjur tagħhom. Fuq kollox jisħaq li l-konvenut Ransley kien l-estensjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

35. Illi huwa ovvju li dak li qiegħed jisħaq tant dwaru l-appellant huwa li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu jinżamm responsabbli bit-tħaddim tal-*culpa in eligendo*.

36. Ġie mtenni fis-sentenza fl-ismijiet ***Tabib Joseph R. Grech v. Kummissarju tal-Pulizija*** maqtugħa fl-1 ta' Marzu, 1988 li:

*«Illi fl-istorja legali r-responsabbiltà ta' min iħaddem għad-danni kawżati lill-impjegat hija waħda mill-prinċipji rikonoxxuti fid-dritt ċivili. Il-bażi ta' din ir-responsabbiltà jinstab fil-prinċipji tad-Dritt Ruman 'qui facit per alias facit per se'. Dan il-prinċipji hu inkorporat fl-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili tagħna. L-Ingliżi jaċċettawh taħt id-dottrina ta' vicarious liability..Biex jiġi invokat b'suċċess dan l-artikolu tal-liġi jridu jirriżultaw dawn is-segwenti rekwiżiti u ċjoè:- (i) relazzjoni ta' 'employer/employee'; (ii) culpa in eligendo; (iii) l-att tal-impjegat li jikkawża danni lil terzi; (iv) id-danni jkunu riżultat tal-inkompetenza tal-impjegat. Dwar l-element ta' relazzjoni ta' employer/employee l-Qrati tagħna kostantement sostnew li 'employer' għal fini ta' dan l-artikolu jinkludi l-Gvern (Ara fir-rigward* ***Laferla v. Vassallo,*** *Vol. XXVI-II-226;* ***Downs v. V. Sammut pro et nomine –*** *Vol. XX-I-41;* ***Dr. A. Attard Montalto nomine v. F. Mitchell nomine et –*** *Vol XXVIII-II-280;* ***Azzopardi v. Vaudrey,*** *Vol. XXV1-1-472;* ***Borg v. Pulis,*** *13 ta' April, 1931, Prim'Awla;* ***Galea v. Borg,*** *Vol. XXII-11-162;* ***Ellul Bonnici v. Compton Danielle,*** *Vol. XIX-11-39;* ***P.L.C. Fenech v. Gatt,*** *Appell Ċivili 18 ta' Marzu, 1904 u* ***Borg v. Gouder,*** *Vol. XXV-1-1106). Dwar il-figura tal-employee l-Qrati tagħna segwew l-insenjament tal-***Giorgi*** *fir-rigward, u ċjoè li b'impjegat il-liġi tifhem 'commesso che eseguisce per conto altrui un ifficio, una incombenza qualunque, sia o no retribuito, purchè si noti bene, sotto la dipendenza e sorveglianza, se non di fatto almeno giuridica del committente' Fir-rigward tal-element tal-culpa in eligendo il-Qorti tibda biex tirrepeti dak li qal* ***Sir Adrian Dingli*** *fl-annotazzjonijiet tiegħu dwar l-artikolu oriġinali fil-Kodiċi tagħna, u ċjoè 'Le parole non ha ragionevole motivo di reputare capace sono inserite per togliere la responabilità di colui che adopera uno del mestiere, che poi si trovi incapace'. L-artikolu 1037 imsemmi però ma jgħidx li jkun responsabbli l-employer li jqabbad persuna mhux ta' ħila u illi ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila iżda jagħmel iż-żewġ ipotesijiet alternattivi għal xulxin billi juża l-kelma jew u mhux u. L-użu tal-kelma jew wassal biex tul is-snin il-Qrati tagħna jikkonkludu li għal fini tal-applikazzjoni tal-artikolu imsemmi jkunu suffiċjenti li jiġi pruvat jew li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Fil-kawża* ***F. Borg v. T. Cooper Mudie nomine*** *(Vol XXVIII-11-58) infatti ġie deċiż illi: «..., e pertanto alla stregua delle teste citata disposizione di legge, per stabilire la responsabilità del convenuto nomine, è necessario che risulti la incapacità della persona da lui impiegata, cioè del soldato James Surties, nella qualità di guidatore di autovettore, il quale si pretende sia stato la causa diretta del danno lamentato coll'atto di citazione, o almeno è necessario che risulti di non aver il convenuti nomine avuto alcun ragionevole motivo per ritenerlo capace.' Issa jiżdied ukoll li għall-fini tal-prova tal-inkompetenza tiegħu oġġettivament u dan peress li una volta pruvata l-kompetenza tiegħu oġġettivament il-fatt li l-istess impjegat ikun negliġenti f'każ li jarreka danni lil terzi mhux bilfors li jirrendi lill-emplyer responsabbli taħt l-artikolu imsemmi (Ara f'dan ir-rigward* ***A. Azzopardi v. G. Vaudrey,*** *sup cit). Il-kliem 'mhux ta' ħila' ossia 'incompetente' ġew definiti fis-sentenza* ***Gasan nomine v. Vella nomine*** *(Vol. XVII-II-238) bħala li jfissru*

*'inidoneo od infedele' u fis-sentenza l-oħra sup. Cit in re* ***Azzopardi v. Vaudrey nomine*** *'bħala li jfissru 'incapace od inidoneo'. Għal fini tal-alternattiva l-oħra però, ċjoè li l-employer qabbad persuna li ma kellux raġun jaħseb li hija ta' ħila l-kriterju użat biex tiġi stabbilita l-kompetenza o meno tal-impjegat hu wieħed soġġettiv u jirrisolvi ruħu fid-domanda jekk l-enployer kellux raġunijiet biżżejjed biex jikkonsidra l-impjegat li jkun bħala kompetenti (ara* ***G. Maistre pro et nomine v. D. Testaferrata Bonnici Axiak nomine,*** *Vol. XXI-1-361). Fir-rigward taż-żewġ rekwiżiti l-oħra ċjoè li jrid ikun hemm att tal-impjegat li jarreka danni lil terzi u li d-danni jridu jkunu r-riżultat tal-inkompetenza ta' dak l-impjegat m'hemmx wisq x'jista' jingħad għaliex għalihom japplikaw il-prinċipji ġenerali ta' kawża u effett in materja ta' responsabbiltà ċivili.»*

37. Din il-Qorti tqis li l-imsemmi inċident seħħ minħabba l-azzjoni diretta tal-konvenut Axiaq billi kien hu li tefa' l-munizzjoni fl-arma meta t-taħriġ ma kienx għadu ntemm u kien hu li għafas fuq il-grillu tal-arma tan-nar għalxejn b'xejn. Irriżulta li ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni għal dan it-taħriġ u li ma kien hemm ebda *detail* tan-*night watch* tal-iskawdra mobbli sabiex jabbandunaw il-*watch*. Dan l-aġir sarraf f'*abbandon beat* min-naħa tal-uffiċjali li marru fuq il-White Rocks f'dak il-lejl.

38. Magħdud ma' dan, jirriżulta li l-kuntistabbli Axiaq ingħata taħriġ uffiċjali mill-Korp hekk kif xehed Francis Schembri) fis-seduta tal-4 ta' Diċembru, 2014) bħala *shooting instructor* fl-akkademja tal-Pulizija. Huwa xehed li r-regola kardinali kienet illi persuna qatt ma titfa' subgħajha fuq il-grillu sakemm m'hemmx periklu ċar quddiemha u dan minħabba raġuni ta' sigurtà. Din ir-regola kienet tiġi mgħallma fl-akkademja. Barra minn hekk, jirriżulta li kien jingħata taħriġ kull xahar u ħareġ mill-provi wkoll li l-konvenut kuntistabbli Axiaq kien kompetenti sabiex iżomm arma

tan-nar. Għal dak li huwa l-konvenut Ransley jirriżulta li anke huwa għadda mit-taħriġ mingħajr problemi.

39. Filwaqt li m'hemmx dubju li min iħaddem jeħtieġlu jipprovdi ambjent sigur għall-ħaddiema tiegħu, lanqas jista' jitqies b'mod awtomatiku li kull inċident li jseħħ waqt il-ħin tax-xogħol neċessarjament għandu jaħti għalih l-imgħallem.

40. Għaldaqstant il-Kummissarju tal-Pulizija fid-dawl tal-provi mressqa m'għandux jinżamm responsabbli għall-inċident li seħħ fil-ħin meta l-uffiċjali ma kinux waqt il-qadi ta' dmirijiethom billi dmirhom kien li jkunu fuq ir-ronda u b'hekk ġie li abbandunaw id-*detail* ta' *night watch* tagħhom, u kif ukoll meta rriżulta li t-taħriġ lanqas kien awtorizzat. Fuq kollox irriżulta li l-kuntistabbli Axiaq kontra kull ordni mogħti lilu mis-surġent tiegħu u kontra kull tagħlim li rċieva mhux biss għamel il-munizzjon meta t-taħriġ kien għadu għaddej iżda tefa' subgħajh fuq il-grillu mingħajr ma kellu sitwazzjoni ta' periklu imminenti quddiemu.

41. Fl-aħħar nett jingħad li mhux minnu li l-Ewwel Qorti warrbet xi sottomissjonijiet jew provi tal-attur. Anzi jirriżulta proprju bil-maqlub. L-Ewwel Qorti wettqet analiżi tajba tal-provi tant li din il-Qorti qiegħda tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha hi.

42. Jiġi b'hekk li l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

43. Ngħaddu issa għat-**tieni aggravju**. Huwa jilmenta dwar (i) il-mod kif l-Ewwel Qorti fissret fi kliemha fiex tikkonsisti d-debilità tiegħu meta mill-provi rriżulta kemm ħajtu u dik ta' familtu nbiddlet mil-lejl għan-nhar u l-limitazzjonijiet li għad għandu; (ii) li l-persentaġġ tad-diżabbiltà ma kellux ikun ta' 5% u l-Ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni kif mistħoqqa għal dak li kkonstata Mr Alex Manché; (iii) li l-*multiplier* ta' 19 mhux tajjeb billi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li huwa seta' jimxi 'l quddiem fil-karriera tiegħu fil-Korp li kieku ma ġarrabx dak li ġarrab; (iv) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta warrbet il-ftehim kollettiv li sar għall-membri tal-Korp u dan meta qalet li meta l-ftehim daħal fis-seħħ f'Jannar 2018 u allura wara li l-attur kien diġà ħareġ bil-pensjoni tas-servizz. Jisħaq li huwa għandu dritt igawdi minn dan il-ftehim kollettiv billi huwa kien pulizija u ma kompliex wara l-età tas-servizz ta' 25 sena wara dak li seħħ. Jgħid ukoll li l-ftehim kollettiv ma jipprovdix biss għal dak li kienu għadhom fil-Korp meta ġie fis-seħħ, iżda wkoll għal dawk li qabel kienu fil-Korp.

44. Illi ibda biex, dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti fissret x'iħoss l-appellant b'konsegwenza tal-inċident, mingħajr ma' din il-Qorti tnaqqas minn dak li huwa ġarrab, ftit tagħmel differenza billi fl-aħħar mill-aħħar l-Ewwel Qorti straħet fuq dak li kkonkluda l-espert maħtur minnha. Dan

barra mill-fatt li jirriżulta li l-Ewwel Qorti niżżlet kelma b'kelma dak li kiteb Mr Grixti fir-rapport tiegħu u għaldaqstant ma vvintatx ir-rota.

45. Illi għal dak li huwa l-ilment dwar il-likwidazzjoni tad-danni, hekk kif kellha okkażjoni tfisser din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Novembru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Christine Hannah Burns nomine v. Paul Ebejer proprio et nomine et***, skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti: (i) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil dannuż; (ii) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (iii) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (iv) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (ara ***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008).

46. Dawn l-irjus ta' danni differenti ġeneralment huma magħrufa fil-ġurisprudenza bħala *damnum emergens* (ħsara diretta) u *lucrum cessans* (telf ta' qligħ). Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015, *damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, bħall-ispejjeż mediċi meħtieġa għad-danneġġat, waqt li *lucrum cessans*

huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew ’il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.

47. Miżmum dan, ma jirriżultax kontestat li l-appellant safa’ b’diżabbiltà dejjiema kaġun tal-inċident. L-appellant mhux kuntent bil-persentaġġ ta’ 5% li ħaddmet l-Ewwel Qorti. Kif jirriżulta mill-provi, l-Ewwel Qorti ħatret bħala espert mediku lil Mr Charles Grixti u proprju mir-rapport tiegħu (f’paġni 81 sa 86 tal-proċess) jikkonkludi li d-diżabbiltà kaġun tal-inċident hija ta’ 5%.

48. Min-naħa l-oħra, l-appellant ressaq rapport *ex parte* wara li l-espert mediku ppreżenta r-rapport tiegħu u dan mingħajr ebda oġġezzjoni mill-partijiet l-oħra fil-kawża. Mr Manché ppreżenta r-rapport tiegħu fis-6 ta’ Marzu, 2013 (ara Dok AM1 f’paġni 205 u 206 tal-proċess). Minn dan ir-rapport jirriżulta li l-appellant kien mar fid-dipartiment tal-*outpatients* fit-28 ta’ Lulju, 2010 fejn ilmenta minn qtugħ ta’ nifs u baqa’ jilmenta minn uġigħ fl-ispalla (li Mr Grixti kien ikkonkluda li l-uġigħ mhux kawża tal-inċident). Mr Manché jikteb li dakinhar ġew ordnati testijiet tal-funzjoni tal-pulmun u dawn urew: *«a reduced forced vital capacity at 89% of predicted for his weight and age. His disability at that time was gauged at 11%. There was no improvement after bronchodilators suggesting that this was not a reversible situation.»*

49. Ma jirriżultax mir-rapport ta' Mr Charles Grixti li huwa ra dawn it-testijiet. Eventwalment, jirriżulta li reġgħu saru testijiet fis-17 ta' Diċembru, 2012 u rriżulta li: *«His forced vital capacity was again found to be reduced at 86% of predicted, gauging his disabilty at 14%, with a significant deterioration over two years.»*

50. Illi minn dan il-kwadru, din il-Qorti titlaq billi tgħid li hija taqbel fil-prinċipju mal-Ewwel Qorti li meta parti ma tagħmilx użu mill-għodda mogħtija mil-liġi, f'dan il-każ għall-ħatra ta' periti perizjuri u l-qorti ma jkollhiex raġuni valida biex twarrab il-konklużjonijiet tal-espert maħtur minnha, għandha tistrieħ fuq il-konklużjoni tal-espert maħtur minnha. Minkejja dan, tqis li dan il-każ jistħoqqlu konsiderazzjoni mod ieħor biex verament issir ġustizzja. Ir-raġuni hija li hekk kif irriżulta mir-rapport u xhieda ta' Mr Manché wara li l-appellant ġie eżaminat minn Mr Grixti huwa ċar mit-testijiet li sarulu (li r-riżultat tagħhom huwa esibit fl-atti wkoll) li l-funzjoni tal-pulmun milqut naqset ħafna u s-saħħa tal-appellant marret għall-agħar. Din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dan. Irriżulta li l-funzjoni tal-pulmun naqset u li l-14% diżabbiltà tirreferi biss għall-funzjoni tal-pulmun. Kemm hu hekk, Mr Manché xehed fil-kontroeżami (seduta tal-11 ta' Ottubru, 2017) u qal ċar u tond hekk: *«I didn't say the disability overall was 14%. I said that there is friction in his breathing capacity; on one occasion it was measured at 11% this is in his respiratory function; and on another occasion it is 14%. Now the expert will take that*

*information into consideration when calculating the overall disability.»* Għaldaqstant dan il-persentaġġ ta' 14% mhux id-diżabbiltà ħolistika li ġarrab l-appellant. Biss però ma ntalabx min-naħa tal-appellant sabiex l-Ewwel Qorti testendi l-ħatra ta' Mr Grixti sabiex jieħu kont ta' dawn it-testijiet li sarulu u jekk, ikun il-każ, iżid ir-rata ta' persentaġġ. Madankollu, din il-Qorti tqis li meqjus il-fatt li l-pulmun huwa organu ta' importanza vitali għall-bniedem u meqjus dak kollu li rriżulta huwa opportun li r-rata ta' diżabbiltà tiżdied għal 8%.

51. Imwarrab dan, nimxu issa għall-ilment tal-appellant dwar il-*multiplier* imħaddem mill-Ewwel Qorti. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dr Johnaton Abela nomine v. Maria Spiteri***:

> *«...fis-sentenza* ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** *deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-multiplier għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-multiplier irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' «chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kunċett ta' «chances and changes of life», ġie mdaħħal biex sewwasew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-working life expectancy ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-multiplier (ara* ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).»*

52. Imbagħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Azzopardi v. Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili***, ingħad ukoll li għalkemm il-Qorti għandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil

dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-inċident, m'għandux jittieħed biss il-*maximum working life expectancy* tad-danneġġat. Il-kunċett ta' *chances and changes of life*, ġie introdott biex proprju jiġġustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni fuq il-bażi tal-prinċipju li ħadd ma jaf il-futur u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'għandux ikun ikkunsidrat kollu għall-fissazzjoni tal-*multiplier.*

53. Meħud inkonsiderazzjoni li l-appellant kellu 41 sena fid-data tal-inċident, il-*multiplier* ta' 19 imħaddem mill-Ewwel Qorti huwa tajjeb.

54. L-aħħar parti tat-tieni aggravju huwa dwar il-paga tiegħu li ġiet ikkunsidrata mill-Ewwel Qorti. Jirriżulta li ħadd mill-konvenuti ma joġġezzjona għas-salarju bażi msemmi mill-Ewwel Qorti li kien fl-ammont ta' €18,369.40 konsistenti f'paga u *allowances* li l-attur kellu bħala dħul gross fis-sena 2009 li kienet is-sena tal-inċident.

55. Meta seħħ l-inċident, il-konvenut kellu 21 sena servizz u kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti kien baqagħlu biss 4 snin fis-servizz. L-appellant jippretendi li l-Ewwel Qorti u din il-Qorti għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-ftehim kollettiv li daħal fis-seħħ f'Jannar 2018. L-appellant irtira bl-età pensjonabbli fit-30 ta' Ġunju, 2016. Għalkemm l-

appellant jgħid mod ieħor, lil din il-Qorti ma rriżultalhiex mid-dokumenti esibiti li dan il-ftehim kellu wkoll jgħodd għal min kien irtira mill-Korp. Sintendi, kif wieġeb il-Kummissarju tal-Pulizija, tifhem li l-pensjoni li l-appellant jirċievi tiġi riveduta skont ir-regolamenti viġenti.

56. Barra minn hekk, filwaqt li rriżulta li l-attur ġie trasferit mill-iskwadra mobbli u ntbagħat fl-Għassa tal-Ħamrun minħabba dak li seħħ, minkejja dan ma jfissirx li huwa tilef xi promozzjonijiet kaġun l-inċident. Dan ma jirriżulta minn imkien mill-provi fl-atti proċesswali.

57. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li filwaqt li bilfors se jkun hemm tibdil fis-somma likwidata minħabba ż-żieda fir-rata ta' diżabbiltà, mill-bqija din il-Qorti se timxi fuq il-kalkoli mwettqa mill-Ewwel Qorti. B'hekk jiġi li l-ammont dovut lill-attur huwa dan:

| | |
|---|---|
| €18,369.40 x 4 x 8% | €5,878.21 |
| €9,630.94 x 15 x 8% | €11,557.13 |

| | |
|---|---|
| *Lucrum Cessans* | €17,435.34 |
| *Damnum emergens* | €389.50 |

Tnaqqis tal-ammont mogħti lill-attur bħala benefiċċji soċjali €1,167.29 (Ma sarx aggravju li dawn m'għandhomx jitnaqqsu)

Total tad-danni **€16,657.55**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** f'parti minnu l-appell tal-attur Peter Paul Sammut u għalhekk tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tillikwida d-danni kollha mġarrba mill-attur fis-somma ta' sittax-il elf, sitt mija sebgħa u ħamsin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€16,657.55) minflok fis-somma ta' għaxart elef, mija u dsatax-il elf ewro u tletin ċenteżmu (€10,119.30) u tikkundanna lill-konvenut PC 1230 Shawn Axiaq appellat iħallas lill-attur dawn id-danni kif hekk likwidati. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell għandhom jinġarru inkwantu għal kwart ($^1/_4$) mill-konvenut PC 1230 Shawn Axiaq u l-bqija mill-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss